



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-326/16 P**

**LL**

**vs**

**Il-Parlament Ewropew**

“Appell – Rikors għal annullament – Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Ammissibbiltà – Terminu għall-preżentata tar-rikors – Komputazzjoni – Ex membru tal-Parlament Ewropew – Deċiżjoni dwar l-irkupru tal-allowance ta’ assistenza parlamentari – Miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament – Artikolu 72 – Proċedura ta’ lment fi ħdan il-Parlament – Notifika tad-deċiżjoni li tikkawża preġudizzju – Posta rreġistrata li ma nġabritx mid-destinatarju tagħha

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta’ Frar 2018

1. *Il-Parlament Ewropew - Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament - Irkupru ta’ somom imħallsa indebitament - Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament - Ilment - Natura fakultattiva - Kawża mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni - Ammissibbiltà - Bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta’ rikors għal annullament*

*(Artikolu 263 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 4; Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament dwar miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, Artikolu 72)*

2. *Rikors għal annullament - Termini - Bidu tad-dekorrenza - Data tan-notifika tad-deċiżjoni - Data li fiha l-att sar magħruf - Oneru tal-prova*

*(is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE)*

1. Il-proċedura ta’ lment imsemmija fl-Artikolu 72 tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew dwar miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew għandha natura fakultattiva. F’dan ir-rigward, rimedju amministrattiv, kemm jekk ikun obligatorju jew fakultattiv, għandu l-għan li jippermetti u li jipromwovi soluzzjoni bonarja għat-tilwima li tkun qamet bejn il-parti kkonċernata u l-amministrazzjoni sabiex tiġi evitata kawża. Minn dan jirriżulta, b’mod partikolari, li n-natura fakultattiva jew obligatorja ta’ rimedju amministrattiv ma għandhiex effett fuq il-fatt li proċedura amministrattiva preliminari tikkostitwixxi rimedju prekontenzjuż. Għaldaqstant, ma jistax jitqies, b’mod partikolari, fid-dawl tad-dritt għal rimedju ġudizzjarja effettiv, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li l-fatt li tinbeda proċedura ta’ lment fis-sens tal-Artikolu 72 tal-miżuri ta’ implementazzjoni tal-Istatut jippreġudika d-dritt għal rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

F’dan ir-rigward, l-assenza ta’ terminu għar-risposta impost fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament għall-ilmenti ppreżentati skont l-Artikolu 72 tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament fil-kuntest ta’ proċedura amministrattiva li hija ta’ natura fakultattiva ma tistax tillimita l-aċċess għall-qrati, peress li l-persuna kkonċernata tista’, f’kull mument, tiffinunzja li tkompli din il-proċedura amministrattiva

preliminari u tibda azzjoni ġudizzjarja. Għaldaqstant, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tikkonstata t-tardività tar-rikors mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni l-proċedura ta' lment mibdija skont l-imsemmi Artikolu 72.

(ara l-punti 24-26, 28, 35)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 48, 49)